MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 195/2020 LM

**Alex Camilleri (K.I. nru. 532664M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Cheryl Anne Camilleri (K.I. nru. 244982M)**
*('l-appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Alex Camilleri (K.I. nru. 532664M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fil-25 ta' Settembru, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza appellata'], fil-proċeduri istitwiti mill-attur fil-

konfront tal-konvenuta **Cheryl Anne Camilleri (K.I. nru. 244982M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], għaliex ħassu malafamat b'*post* li din tellgħet fuq il-paġna ta' Facebook tagħha, u fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet illi:

> "*Dan in-nuqqas jikkostitwixxi ostakolu għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni f'dan il-każ u kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti illi l-attur ma seħħlux jipprova l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu b'effett tal-pubb*
> *likazzjoni impunjata, għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, u konsegwentement it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta jistħoqq li tiġi milqugħa.*
>
> ***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta fir-Risposta tagħha, tiċħad it-talbiet tal-attur, ALEX CAMILLERI, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.***"

**<u>Fatti</u>**

2. L-attur istitwixxa proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti wara li ħassu malafamat b'*post* li l-konvenuta tellgħet fuq il-paġna tal-*Facebook* tagħha, u dan *ai termini* tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta. L-attur talab li l-konvenuta tiġi kkundannata tħallsu somma li għandha tiġi likwidata mill-Ewwel Qorti *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġjiet ta' Malta, u talab ukoll lill-Ewwel Qorti torda lill-konvenuta tneħħi l-imsemmija *post* mis-sit elettroniku in kwistjoni.

3. Fir-risposta tagħha, il-konvenuta eċċepiet li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, għaliex fil-fehma tagħha l-imsemmi *post* fuq il-paġna tal-Facebook tagħha mhuwiex malafamanti għaliex huwa msawwar fuq fatti veri, *ai termini* tal-artikolu 4(1)(a) tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta. Eċċepiet ukoll li dan il-*post* ma kkawża l-ebda ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.

**Id-Deċiżjoni Appellata**

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija mill-Ewwel Qorti fil-25 ta' Settembru, 2023, il-Qorti ddeċidiet li l-attur ma rnexxilux jipprova li sofra ħsara serja għar-reputazzjoni tiegħu, u għalhekk ma laqgħetx it-talbiet tiegħu, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Ikkunsidrat;*

*Il-partijiet kontendenti kienu miżżewġin u għandhom tliet ulied, illum ilkoll maġġorenni. Iż-żwieġ tagħhom kien ġie annullat permezz ta' deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta (fn. 1 Dok. A u Dok. A1, esebiti man-nota tal-konvenuta tal-21 ta' Ġunju, 2021) u fil-preżent il-partijiet għaddejjin minn proċeduri għal separazzjoni personali quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm l-attur fix-xhieda tiegħu bl-Affidavit, għamel referenza għal numru ta' pubblikazzjonijiet li għamlet il-konvenuta fuq Facebook u li ħassu aggravat bihom għaliex deherlu li kien qed jiġi malafamat bl-allegazzjonijiet tagħha li kienet vittma ta' vjolenza domestika, dawn il-pubblikazzjonijiet – li l-aħħar waħda saret iktar minn sena qabel il-pubblikazzjoni impunjata f'din il-kawża – mhumiex fil-mira ta' din l-azzjoni għal malafama għaliex fir-Rikors promutur, l-attur qiegħed jimpunja speċifikament u unikament il-pubblikazzjoni mill-konvenuta tal-*post *fuq Facebook, anness mar-rikors promutur (Dok. A) (fn. 2 Dan l-istess* post *ġie esebit ukoll mill-attur mal-Affidavit tiegħu bħala Dok. AC5). Huwa xehed illi dan il-*post *ġie ppubblikat fl-20 ta' Settembru, 2020 iżda din id-data ma tidher imkien mill-pubblikazzjoni fiha nnifisha. (fn. 3 Marica Bellizzi xehdet fit-18 ta' Novembru, 2021 li l-*post *tal-konvenuta (Dok. A anness mar-Rikors promutur) ratu f'Settembru 2020).*

*Dan il-*post *jgħid hekk:-*

"Celebrating 4 years of being a SURVIVOR of domestic violence. God is with me all the way. I can't thank enough my family and close friends and all those who have helped me along the way. (emojis) What a transformation from my past!!! And great more exciting adventures to come. Happy Independence Day (emojis)"

*Jiġi osservat ukoll li l-pubblikazzjoni impunjata mill-attur f'din il-kawża, ma tidentifika pożittivament lil ebda persuna kwalsiasi la permezz ta' isem u lanqas xi ritratt jew deskrizzjoni ta' xi ħadd li jinsab fil-mira ta' din id-dikjarazzjoni tal-konvenuta. Il-*

*konvenuta ma għamlet ebda referenza diretta għal żewġha l-attur u tgħid biss illi hija “*a survivor of domestic violence”.

*L-attur jikkontendi li din l-istqarrija tal-konvenuta twassal l-imputazzjoni li bħala l-eks raġel tagħha, huwa kien l-awtur tal-vjolenza domestika fil-konfront ta’ martu matul iż-żwieġ tagħhom. Fix-xhieda tiegħu huwa ċaħad kategorikament illi qatt uża l-vjolenza fuq martu l-kovnenuta jew it-tfal tagħhom, u jiċħad ukoll li ż-żwieġ tiegħu mal-konvenuta falla minħabba xi vjolenza domestika jew tort ieħor imputabbli lilu.*

*Dak li hu rilevanti fl-istħarriġ in kwistjoni jekk fil-pubblikazzjoni impunjata, saritx imputazzjoni fil-konfront tal-persuna aggravata, hu jekk mill-kuntest sħiħ tal-pubblikazzjoni, persuna ordinarja u raġonevoli (*“an ordinary, reasonable person”), *tkun kapaċi tifhem dik il-pubblikazzjoni sħiħa, ċioe t-titolu, il-kontenut kollu tal-artikolu kif ukoll immaġini li jifformaw parti integrali mill-pubblikazzjoni, bħala waħda li minnha raġonevolment tinsilet l-imputazzjoni impunjata.*

“... the natural and ordinary meaning of the words is to be determined by taking into account the context of the words used and the mode of publication. The meaning can include any inferential meanings, but can only be that which the words would convey to the mind of an ordinary, reasonable and fair-minded reader.” (*fn. 4 Ursula Cheer, tikkummenta fuq* ***Charleston v. News Group Newspapers Ltd.*** *ċitata f’Landmark Cases in Defamation Law, editjat minn David Rolph (2021 Ed.)*

*Fir-rigward, ġie wkoll ritenut:-*

“It is immaterial whether the defamatory imputation is conveyed by words of direct assertion or by suggestion, for insinuation may be as defamatory as an explicit statement and even more mischievous.” *(fn. 5 Gatley, supra: 3.18, p. 126, 127)*

*Applikat dan għall-pubblikazzjoni in diżamina, il-Qorti taqbel illi minn qari tal-pubblikazzjoni, il-qarrej ordinarju jista’ jifhem mingħajr wisq diffikoltà jew tiġbid tal-immaġinazzjoni li l-messaġġ li qed twassal il-konvenuta hu li kienet f’relazzjoni domestika abbużiva u vittma ta’ vjolenza domestika iżda rnexxielha teħles minn dan l-abbuż. Il-Qorti tifhem illi skont il-perċezzjoni wiesa’ – iżda mhux preċiża – li teżisti fis-soċjetà, il-vjolenza domestika tintrabat ma’ dak l-abbuż li jitwettaq minn konjugi jew sieħeb f’relazzjoni personali, fil-konfront tal-konjugi jew sieħeb l-ieħor fir-relazzjoni u minn dan il-lat biss, l-uniku ness identifikabbli bejn l-implikazzjoni li titnissel mill-*post *tal-konvenuta, u l-attur, jinsab fil-fatt li huma kienu miżżewġin.*

*Collins, fir-rigward tal-kunċett tal-identifikazzjoni tal-persuna aggravata fil-pubblikazzjoni, jgħid:-*

"A defamatory statement is actionable only at the suit of a person who can be identified as having been referred to in or by the statement. The statement must be 'of and concerning' the person. A person is identified where he or she is named, or identified by title or description, in the statement. Identification can also occur by the inclusion of photographs or video footage of the claimant." (*fn. 6* ***Collins on Defamation*** *(2014 Ed.), Matthew Collins Q.C. (Oxford University Press, 2014), 5.01, p. 105. Ġie ritenut ukoll: "*A statement can identify a person even though the person is not referred to by name, if it contains material which would lead people acquainted with the person to believe that he or she was the person referred to.")

*Ukoll:-*

"Where a person is referred to by name in a defamatory statement, he or she is identified to all those to whom the publication occurs. It is irrelevant that the recipients of the statement have no knowledge of the person." (*fn. 7 Collins, Ibid., 5.03, p. 106)*

*Fid-deċiżjoni fil-każ ta'* ***MDA Marine Design Associates Ltd v. British Columbia Ferry Services Inc.*** *(fn. 8 2008 BCSC 1432 (para. 20), intqal hekk minn Fenlon J:-*

"A plaintiff may be identified even though he is not mentioned by name, where a reference is made to something over which he exercises control or for which he has some responsibility."

*Collins jgħid illi: "...* It is irrelevant that the publisher did not intend to identify the claimant" *(fn. 9 Collins ibid. 5.23, p. 113) u fejn l-allegat identifikazzjoni ssir permezz ta' deskrizzjoni, ritratti jew filmati u mhux għaliex il-persuna aggravata ssemmiet b'isimha fil-pubblikazzjoni, jinkombi lilha l-oneru li tistabbilixxi illi kien hemm persuni li effettivament identifikawha mir-ritratt jew filmat impunjati. (fn. 10 Skont Collins: "*Evidence that people with special knowledge understood a statement to refer to a particular person is admissible, and failure to lead such evidence can be fatal to the action." Ibid. 5.09)

*Għalkemm il-konvenuta ma sollevat ebda eċċezzjoni dwar nuqqas ta' identifikazzjoni tal-attur fil-pubblikazzjoni, il-Qorti xorta waħda sejra tindaga biex tistabbilixxi jekk l-attur huwiex identifikat għaliex il-pubblikazzjoni ma tistax tkun diffamatorja għal min mhuwiex identifikat bħala l-persuna li dwarha saru l-istqarrijiet allegatament malafamanti. Dan għaliex skont l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, stqarrijiet ippubblikati fil-midja mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba u naturalment, persuna mhux identifikata fil-pubblikazzjoni*

*impunjata ma tistax issofri ħsara lir-reputazzjoni tagħha, wisq anqas ħsara reputazzjonali serja. L-identifikazzjoni tal-persuna aggravata hi determinanti għall-azzjonabilità tal-malafama u għalhekk l-istħarriġ relattiv għandu jsir mill-Qorti anke sua sponte fin-nuqqas ta' eċċezzjoni ad hoc.*

*Tibda biex tosserva fir-rigward illi għal dawk il-qarrejja tal-pubblikazzjoni li jafu b'mod estrinsiku għall-pubblikazzjoni, li l-konvenuta kienet miżżewġa mal-attur, dan hu biżżejjed biex iwassal imputazzjoni li l-attur kien juża vjolenza fuq martu matul iż-żwieġ tagħhom.*

*Iżda huwa prinċipju assodat fil-liġi tad-diffamazzjoni illi meta l-identifikazzjoni tal-persuna aggravata trid tiġi stabbilita minn fatti li huma estraneji għall-pubblikazzjoni impunjata jew minn pubblikazzjonijiet oħrajn, irid jiġi ppruvat li hi raġonevoli l-inteferenza tal-identifikazzjoni oġġettiva tal-persuna aggravata minn persuni ordinarji. Dan ifisser illi fejn il-persuna aggravata mhijiex identifikata fil-pubblikazzjoni impunjata la b'isimha u lanqas permezz ta' ritratt, filmat jew immaġini oħra (fn. 11 Collins jgħid li anke fejn il-persuna aggravata hi identifikata permezz ta' xi ritratt jew filmat fil-pubblikazzjoni impunjata, xorta waħda jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-provi li kien hemm persuni li attwalment identifikawha mir-ritratt jew filmat, direttament jew permezz ta' inferenza), bħal mhu l-każ tal-istqarrija impunjata f'din il-kawża fejn l-identifikazzjoni tistrieħ fuq l-għarfien ta' fatti speċjali, hi fondamentali l-prova li persuni oħrajn kienu kapaċi jidentifikaw lill-persuna aggravata. Kemm hu hekk, jekk ma jiġix ippruvat sodisfaċentement illi l-kliem tal-istqarrijiet huma tali li fiċ-ċirkostanzi jwasslu lill-persuni li jafu lill-attriċi biex jinferixxu raġonevolment li l-istqarrija impunjata tista' tikkonċerna lilha, l-azzjoni ma tistax tirnexxi. (fn. 12 Gatley, 'On Libel and Slander', jgħid illi, "*The issue of identification is to be decided on the same principles as those which govern the question of whether the words are capable of a defamatory meaning." *– On Libel and Slander – Second cumulative supplement to the 12th edition (2017), 7.3, p. 64. Ara wkoll* ***Barron v. Collins*** *(2015) EWHC 1125 (QB)).*

*Fir-rigward, Gatley jikkummenta hekk:-*

"Where the libel does not ex facie refer to the claimant ... extrinsic evidence must be given to connect the libel with the claimant. The test of reference remains an objective one: whether on the evidence, an ordinary reasonable person would draw the inference that the words referred to the claimant." *(fn. 13 Gatley, ibid. Second Supplement to the 12th Edition, 2017, para. 7.3, p. 66)*

*Fir-rigward, Collins jgħid ukoll:*

"Evidence of the extrinsic facts which constitute the special knowledge should also be adduced. The test, however, is an objective one: whether the ordinary reasonable person with knowledge of the extrinsic facts, and in the class of persons to whom the statement is published, would have reasonably understood the publication to refer to the unnamed person." *(fn. 14 Ibid., para. 5.09, p. 108)*

*Fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti, l-attur ressaq bħala xhud lil oħtu Marica Bellizzi, li xehdet illi hija kienet rat il-*post *tal-konvenuta fuq il-paġna tagħha fuq Facebook fejn qalet Happy Independence Day wara li għaddew erba' snin minn mindu kienet vittma ta' vjolenza domestika u fil-fehma tagħha kien ovvju li dan kien qed jirreferi għal ħuha l-attur li kien miżżewweġ mal-konvenuta.*

*Xehdet ukoll ħabiba tal-attur, Cheryl Vella, li qalet illi ġieli rat* posts *tal-konvenuta fuq Facebook fejn tgħid li hija kienet vittma ta' vjolenza domestika u għaliha dan kien referenza għal vjolenza domestika li seħħet fil-ħajja miżżewġa tal-konvenuta.*

*Magħdud dan il-fatt illi kif diġà ngħad, ordinarjament (iżda mhux ukoll korrettement) il-vjolenza domestika tintrabat f'għajnejn is-soċjetà in ġenerali, ma'ġonevolment tislet inferenza leġittima li l-pubblikazzjoni hija dwar l-attur Alex Camilleri bħala l-eks raġel tal-konvenuta, jew xi materja li dwarha għandu responsabbilità, u wkoll li l-konvenuta kienet qed tirreferi għalih bħala l-allegat awtur tal-vjolenza domestika li hija tisħaq li kienet vittma tagħha.*

*Ikkunsidrat;*

*Qabel jiġi trattat l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta li biha laqgħet għall-azzjoni tal-malafama, jeħtieġ li jiġi mistħarreġ u deċiż it-tieni eċċezzjoni fir-Risposta tagħha, fejn tikkontendi illi l-pubblikazzjoni ma kkaġunat ebda ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

*L-Att dwar il-Midja u l-Malafama ['l-Att'] ġie evidentement imfassla b'riproduzzjoni kważi verbatim ta' diversi disposizzjonijiet tad-Defamation Act 2013 (UK) u introduċiet diversi kunċetti ġodda fil-liġi tal-malafama, fosthom il-kriterju ta' serious harm permezz tal-artikolu 3(4) tal-Att, diġà ċitat iktar qabel, li jistipola illi stqarrijiet mhumiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx ħsara serja jew ikunu jistgħu jikkawżaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba.*

*Dan l-istħarriġ dwar l-element tal-ħsara serja għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att ukoll huwa wieħed li għandu jsir f'kull azzjoni ta' libell istitwita taħt l-Att u dan mill-Qorti sua sponte mingħajr il-ħtieġa li titressaq azzjoni ad hoc fir-rigward u dan għaliex, similment għall-materja tal-identifikazzjoni, dan il-kriterju jinċidi fuq l-azzjonabilità*

*tal-allegat malafama. Fil-każ in diżamina, il-konvenut eċċepixxa fit-tieni paragrafu tar-Risposta tiegħu illi l-pubblikazzjoni impunjata ma tikkostitwixxix malafama u mhijiex libelluża fit-termini tal-liġi.*

*Il-Gatley, fil-kummenti tiegħu dwar l-Artikolu 1 tad-Defamation Act UK (fn. 15 Gatley, On Libel and Slander, Twelfth Ed. (2013) 2.6, p. 41), jgħid illi l-mera tendenza tal-imputazzjoni li tinċidi negattivament u b'mod sostanzjali fuq ir-reputazzjoni ta' persuna, ma għadhiex iktar suffiċjenti sabiex issostni azzjoni taħt il-liġi l-ġdida, għaliex din introduċiet kriterju ferm iktar oneruż minn hekk. Effettivament, taħt id-Defamation Act 2013 u ugwalment taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama li, kif rajna, jikkonsisti f'riproduzzjoni kważi identika tat-test tal-liġi Ingliża, stqarrija, biex titqies bħala diffamatorja għandha mhux biss tkun kapaċi li tolqot ħażin ir-reputazzjoni tal-persuna iżda* ***għandha tikkaġuna jew tkun kapaċi li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni.***

*Fi kliem Collins (fn. 16 Collins: On Defamation, 2014 Ed. Page 128 6.56), din ir-regola: "...* operates solely as a threshold for preventing or stopping defamation actions where **the claimant cannot demonstrate that he or she has suffered or likely to suffer, serious reputational harm** or, in the case of a body that trades for profit, serious financial loss." [enfasi tal-Qorti]

*Miżmum ferm il-premess, jingħad illi qabel xejn, dak li għandu jiġi kkunsidrat għall-fini li jiġi stabbilit jekk dan il-kriterju huwiex milħuq fil-każ partikolari, huwa jekk il-pubblikazzjoni impunjata ikkaġunatx ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li tressaq l-azzjoni tal-libell, jew jekk fihiex il-propensità li tirreka ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu fil-futur. Dan l-effett huwa riskontrabbli jekk fil-każ partikolari, il-pubblikazzjoni impunjata* ***tolqot ħażin u b'mod gravi l-attitudni ta' persuni oħrajn fil-konfront tas-soġġett tal-malafama, b'mod li tikkaġuna jew li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja****. Fil-ġeneralità tal-każijiet, għall-fini ta' dan l-istħarriġ ikun jeħtieġ li ssir referenza, fost oħrajn, għan-natura tal-imputazzjoni addebitata bil-pubblikazzjoni impunjata u għall-mezz u l-firxa tal-pubblikazzjoni, kif ukoll għandu jitqies jekk il-kliem humiex kapaċi fil-kuntest partikolari tagħhom, ikunu diffamatorji għal dik il-persuna partikolari. (fn. 17 Collins, ibid. P. 128 6.56)*

*Fil-mira tal-Artikolu 3(4) tal-Att huwa l-effett jew l-effetti potenzjali tal-istqarrija jew il-pubblikazzjoni impunjata li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata u indubbjament, fejn il-pubblikazzjoni impunjata "*tend(s) to lower the plaintiff in the estimation of right-thinking members of society generally" *(fn. 18* ***Sim v. Stretch****, per Lord Atkin, (1936) 2 All ER 1237 (House of Lords), u "*in all the circumstances would be likely to affect a person adversely in the estimation of

reasonable people generally" *(fn. 19 Collins, ibid. 6.12, p. 117) din għandha titqies li fiha kapaċità li tikkaġuna ħsara reputazzjonali li hija serja.*

*Il-Qorti taqbel illi l-imputazzjoni li persuna tuża l-vjolenza fil-konfront* inter alia *tal-konjugi jew is-sieħeb/sieħba tagħha f'relazzjoni personali domestika, hija waħda li fiha nnifisha, hi inerentement serja għaliex taddebita kondotta abbużiva u ta' stmerrija, mankanti f'rispett u dinjità lejn il-vittma u bħala tali, tikkostitwixxi attakk fuq il-karattru morali tal-awtur tal-allegat vjolenza u l-integrità tiegħu.*

*Fir-rigward, Gatley jgħid:-*

"It has been held to be defamatory to write of someone that he has been guilty of oppressive, intolerant, insulting, reprehensible, threatening or unbrotherly conduct, or of a breach of duty or that his actions are motivated by revenge ... or to impute 'any dishonourable conduct to another though not involving a breach of positive duty' ... (*fn. 20 Ibid. 2.28, p. 66/67)*

*Għaldaqstant, l-imputazzjoni li l-persuna aggravata seta' kien sistematikament vjolenti lejn il-konjugi tagħha, hi waħda li b'mod ġenerali tinferixxi tendenza li tirreka ħsara reputazzjonali serja.*

*Ikkunsidrat;*

*Dan stabbilit, imiss issa jiġi determinat jekk fil-każ konkret, il-pubblikazzjoni impunjata tal-konvenuta fuq il-paġna tagħha fuq Facebook, ikkaġunatx ħsara serja jew fihiex it-tendenza li tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur innifsu.*

*Skont Gatley:-*

*"*Whether the threshold of serious been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the nature and the inherent gravity of the allegation, whether the publication was oral or written, **the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed** and the transience of the publication." (*fn. 21 Gatley, ibid. 2.4, pg. 39, Enfasi tal-Qorti)*

*Jgħid ukoll in propositu illi "...* a claim may fail not only because the imputation was not of sufficient gravity of itself to cause serious harm to reputation **but also because its publication was very limited and accordingly any harm to reputation was minimal."** (*fn. 22 Ibid. 2.6, note 56 (Second Cumulative Supplement to the Twelfth Edition), page 11. Enfasi tal-Qorti)*

*Fid-deċiżjoni ċelebri* ***Lachaux v. Independent Print Limited*** *(2017) EWCA Ċiv. 1334 il-Qorti tal-Appell trattat l-ipotesi fejn, indipendentement mit-tifsira diffamatorja tal-*

*kliem impunjati, il-kejl ta' ħsara reputazzjonali serja ma jintlaħaqx, per eżempju fejn in-numru ta' persuni li lilhom ġiet ippubblikata l-allegata malafama tkun minima jew limitata ħafna u ma jiġix ippruvat illi din ġiet perikolata u li naqqset l-istima tal-persuna aggravata f'għajnejn persuni oħrajn.*

*Ukoll, fid-deċiżjoni* ***Liberty Fashion Wears Ltd v. Primark Ethical Trading Limited*** *(2015), EWHC 415 (QB), l-azzjoni għal malafama falliet għaliex il-pubblikazzjoni kienet limitata u ma kinitx a konjizzjoni ta' numru sinjifikanti ta' qarrejja.*

*L-attur ma xehedx u ma ressaq ebda prova biex juri b'liema mod ir-reputazzjoni tiegħu sofriet jew sejra ssofri xi ħsara, wisq inqas xi ħsara li hija serja. Għalkemm jirriżulta mill-provi illi oħtu Marica Bezzina u l-ħabiba tiegħu Cheryl Vella raw il-*post *tal-konvenuta fuq Facebook, ma nġiebet ebda prova li xi ħadd li ra l-pubblikazzjoni emmen l-imputazzjoni li l-attur kien l-awtur ta' vjolenza domestika fil-konfront ta' martu, tant illi x-xhieda kollha li ġew prodotti mill-attur ilkoll insistew fix-xhieda tagħhom li ma jemmnux li l-konvenuta kienet vittma ta' vjolenza domestika matul iż-żwieġ tagħha mal-attur. (fn. 23 Ara fir-rigward,* ***Bode v. Mundell*** *(2016) EWHC 2533 (QB) u* ***Umeyor v. Ibe*** *(2016) EWHC 82 (QB).*

*Il-firxa wiesa' tal-pubblikazzjoni ta' dan il-*post *u l-prova li l-*post *tal-konvenuta ġie pubblikat lil u waslet għand numru sostanzjali ta' persuni hija, għall-Qorti, determinanti għall-prova tal-kriterju tal-ħsara serja, ċioe l-prova li l-pubblikazzjoni tal-istqarrija allegatament malafamanti ikkaġunat ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur.*

*Fil-każ in diżamina, l-istqarrija allegatament malafamanti ma ġietx ippubblikata fuq mezz tal-midja tal-massa* (mass media) *ċioe fuq gazzetta jew mezzi tradizzjonali tal-istampa jew fuq* online news portal *fejn teżisti preżunzjoni ta' pubblikazzjoni fuq skala wiesa' u ma jeħtieġx li tinġieb prova konkreta tal-firxa tal-pubblikazzjoni għaliex l-aċċess għal midja bħal dawn huwa liberu u mhux limitat. Il-pubblikazzjoni saret fuq pjattaforma tal-midja soċjali fejn l-aċċess mhuwiex neċessarjament miftuħ lill-pubbliku in ġenerali u bosta drabi huma biss persuni magħżula jew awtorizzati speċifikament mill-pubblikatur li jkollhom aċċess għall-profil jew kont li fihom isiru l-pubblikazzjoni ta'* posts, *ritratti, filmati, eċċ. F'każ bħal dan, il-Qorti tistenna li titressaq prova speċifika tal-livell tal-pubblikazzjoni tal-*post *allegatament malafamanti għall-fini tad-determinazzjoni dwar l-element tal-ħsara serja reputazzjonali tal-persuna aggravata fil-każ konkret, anke għaliex kif diġà stabbilit, ex facie l-*post *impunjat ma jagħmilx referenza diretta għall-attur għaliex mhuwiex identifikat b'ismu jew b'immaġni tiegħu. Il-Qorti mhi sejra tassumi xejn u żgur mhijiex*

*sejra tasal għal konklużjonijiet abbażi ta' spekulazzjoni u konġetturi minflok provi konkreti.*

*Iżda l-Qorti m'għandha quddiemha ebda prova kwalsiasi fl-atti proċesswali dwar in-numru ta' persuni li kienu jsegwu l-profil tal-konvenuta fuq Facebook dak iż-żmien biex jintwera li l-istqarrija impunjata ġiet ippubblikata lil numru sostanzjali ta' persuni. Kollox juri li l-konvenuta hija persuna privata u mhux persuna pubblika u m'hemmx prova lanqas li l-profil tagħha hu wieħed pubbliku, jew li rċieva numru konsiderevoli ta'* likes *(li jkun indikattiv tal-livell ta' ħsara reputazzjonali soffert). Għall-kuntrarju, mix-xhieda ta' Cheryl Vella fl-Affidavit tagħha (fn. 24 Dok. CV), il-Qorti fehmet illi biex wieħed jista' jara l-*posts *tal-konvenuta fuq il-profil tagħha fuq Facebook, irid ikun aċċettat minnha bħala* "friend" *li jagħti x'jifhem li l-*post *impunjat kien ġie pubblikat fuq profil privat b'aċċess ristrett, li jfisser li l-*posts *tal-konvenuta huma aċċessibbli biss għal dawk il-persuni magħżulin espressament minnha. Għalhekk, ma jistax jiġi konkluż li l-post impunjat kien ċirkolat b'mod estensiv biżżejjed biex jgħodd bħala prova ta' pubblikazzjoni fuq skala wiesa' biżżejjed biex tissostanzja l-allegazzjoni li l-attur sofra ħsara reputazzjonali serja b'riżultat tal-pubblikazzjoni in diżamina. Il-provi li ressaq l-attur juru li oħtu u l-ħabiba tiegħu u possibilment xi membri oħrajn tal-familja tiegħu kienu attwalment raw dan il-post, persuni li l-*istatus *tagħhom żgur ma jirrendix aktar gravi s-serjetà tal-allegazzjoni u effettivament, ma jirriżultax li minħabba din l-allegazzjoni l-istima tagħhom lejn l-attur ġiet b'xi mod mittiefsa.*

*Dan in-nuqqas jikkostitwixxi ostakolu għall-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni u kwindi għas-suċċess tal-azzjoni f'dan il-każ u kollox magħdud, hija l-fehma tal-Qorti illi l-attur ma seħħlux jipprova l-element tal-ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu b'effett tal-pubblikazzjoni impunjata, għall-fini tal-Artikolu 3(4) tal-Att, u konsegwentement, it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta jistħoqq li tiġi milqugħa.*

***Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi li filwaqt illi tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenuta fir-Risposta tagħha, tiċħad it-talbiet tal-attur, ALEX CAMILLERI, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**"*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fl-10 ta' Ottubru, 2023, dan talab lil din il-Qorti tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenza tal-Ewwel Qorti

tal-25 ta’ Settembru, 2023, fl-ismijiet premessi, u jew tirrimandi l-atti lura lill-Ewwel Qorti għal-likwidazzjoni tas-somma pretiża minnu *ai termini* tal-artikolu 9 tal-Kap. 579 tal-Liġijiet ta’ Malta, u tagħti ordni sabiex il-konvenuta tneħħi l-*posts* in kwistjoni, jew inkella tgħaddi biex tagħmel tali likwidazzjoni u kundanna hija stess, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi għall-konvenuta appellata.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bil-parti tas-sentenza appellata fejn l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-*post* in kwistjoni ma kellux firxa wiesgħa. Qal li t-talbiet tiegħu ġew miċħuda wara li l-Ewwel Qorti qieset li *post* fuq Facebook ma tistax titqies li hija pubblikazzjoni aċċessibli għall-pubbliku in ġenerali. Qal li l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta f’dan ir-rigward, għaliex fil-kontro-eżami tagħha l-appellata kkonfermat li hija tellgħet il-*post* fuq il-paġna ta’ Facebook tagħha, fejn il-*post* kienet aċċessibbli għal ħbieb u familjari. Żied jgħid li l-appellata kkonfermat li għandha numru sostanzjali ta’ ħbieb fuq Facebook, imma inqas minn ħames mija, u anki jekk dak li tpoġġa mill-appellata fuq Facebook kien aċċessibbli għal tliet mija jew erba’ mitt ruħ, dan huwa biżżejjed biex jissodisfa l-element tal-ħsara potenzjali li jista’ jsofri l-appellant. Qal ukoll li *post* fuq Facebook ma tmutx, u tista’ terġa’ ssir disponibbli.

7. L-appellant qal li l-partijiet jinsabu għaddejjin minn proċeduri ta’ separazzjoni, u fil-mument tal-pubblikazzjoni in kwistjoni, huma kien għad għandhom ħafna ħbieb komuni, u għalhekk il-potenzjal tal-ħsara kien ferm akbar. L-appellant qal li sit bħal ma huwa Facebook, huwa aċċessibbli għal ħafna nies, u huwa fatt magħruf li diversi persuni llum il-ġurnata jżommu lilhom infushom aġġornati b’dak li qed jiġri madwarhom minn din il-pjattaforma u mhux mill-gazzetti, b’tali mod li jista’ jingħad li Facebook illum il-ġurnata huwa

ferm aktar importanti bħala pjattaforma għat-tixrid tal-informazzjoni mill-mezzi tradizzjonali ta' komunikazzjoni. Żied jgħid li huwa fatt magħruf ukoll li ladarba wieħed jagħmel kont fuq Facebook, faċilment li wieħed ikollu mijiet ta' segwaċi jew '*friends*'. L-appellant qal li *post* li oriġinarjament ikun aċċessibbli biss għal numru relattivament żgħir ta' persuni, jista' jiġi mxerred fuq paġni ta' nies oħra, b'tali mod li l-firxa u l-pubblikazzjoni ta' tali *post* tista' tkun waħda infinita. L-appellant qal li *post* fuq Facebook tista' tagħmel ferm aktar ħsara minn pubblikazzjoni fuq ġurnal tradizzjonali. L-appellant qal li hemm numru kbir ta' persuni li qegħdin jitressqu l-Qorti rinfaċċati bi proċeduri kriminali minħabba *'hate speech',* u li kieku kumment fuq Facebook m'għandux il-periklu ta' aċċessibilità kbira, ma kienx ikun hemm lok għal proċeduri kriminali f'dawn il-każijiet.

8. L-appellant qal li huwa lanqas kellu għalfejn jipprova li attwalment sofra ħsara lir-reputazzjoni tiegħu, u qal li l-interpretazzjoni tal-Ewwel Qorti mhijiex legalment korretta. Qal li f'dawn it-tipi ta' każijiet, il-ħsara tista' ma tkunx apparenti mill-ewwel, iżda tista' toħroġ fid-deher maż-żmien. Qal li mill-provi rriżulta li kien hemm membri tal-familja tiegħu li raw dan il-*post,* u li anke qam argument bejniethom konsegwenza ta' dan. L-appellant qal li huwa diffiċli tikkwantifika jew tispjega bi preċiżjoni l-ħsara li tkun saret, u huwa għalhekk li dawn it-tip ta' kawżi huma eċċezzjoni għar-regola ġenerali li d-danni normalment huma danni materjali. Qal li dan huwa biss wieħed mill-każijiet fis-sistema legali tagħna fejn il-liġi tikkontempla danni morali, u dan bi skop, għaliex il-leġislatur ried jipprovdi għal ħsara potenzjali.

**Ir-Risposta tal-Appell**

9. L-appellata wieġbet li hija ma taqbel xejn mal-aggravji mressqa mill-appellant. Qalet li permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta meta kkonkludiet li l-pubblikazzjoni ma kellhiex firxa wiesgħa, u in sostenn għal dan l-aggravju għamel riferiment għas-sentenza fl-ismijiet **Randolph Spiteri *vs.* Emanuel Cassar** (Rik. Nru. 76/21), u qalet li l-fatti f'dik is-sentenza kienu differenti mill-fatti tal-każ odjern, senjatament billi l-parti konvenuta f'dawk il-proċeduri ma pproduċiet l-ebda provi. Qalet ukoll li l-attur f'dawk il-proċeduri, kien meqjus li huwa persuna pubblika, u kien identifikat b'ismu, bil-kariga u bl-assoċjazzjonijiet tiegħu, u għalhekk il-fatti ta' dak il-każ huma differenti ħafna mill-każ odjern.

10. L-appellata qalet li fil-każ odjern l-ebda waħda mill-partijiet m'hija persuna pubblika, u huma kienu miżżewġin u issa ġew annullati, filwaqt li l-proċeduri ta' separazzjoni personali bejniethom għadhom għaddejjin. Qalet ukoll li fil-*post* tagħha, hija fl-ebda waqt ma identifikat lill-appellant jew semmietu b'ismu, u lanqas ma rreferiet għall-fatt li l-persuna in kwistjoni huwa l-ex-raġel tagħha. Qalet li l-*post* tagħha tiffoka fuqha nnifisha u tirreferi għaliha nnifisha bħala *"survivor of domestic violence",* u huwa fatt magħruf li l-vjolenza domestika tista' mhux biss tkun bejn il-miżżewġin, iżda anki minn persuni bi gradi oħra ta' qrubija fil-familja. L-appellanta qalet li għalhekk m'hemmx qbil mal-appellant li l-fatti tal-kawża ċċitata minu, huma l-istess. Qalet ukoll li għalkemm l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha qalet li minkejja li l-appellat ma ssemmiex b'ismu, xorta waħda jista' jifhem li l-*post* jirreferi għalih, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-fatti fiż-żewġ kawżi huma differenti.

11. L-appellata qalet li filwaqt li l-appellant jitlob li hija tiġi ordnata tħassar il-*post* in kwistjoni, fil-verità dik il-*post* ilha li ġiet imħassra, u ma nġabet l-ebda prova li dik il-*post* baqgħet attiva. Qalet li l-*post* kienet limitata għal numru ta' *'friends'* tagħha, u għalhekk ma tistax tiġi ċċirkolata pubblikament. Qalet ukoll li ma nġabet l-ebda prova fuq min għamel '*like*' jew '*share*' tal-*post* tagħha, u għalhekk ma jistax jiġi argumentat li dan il-*post* ser jibqa' attiv. Qalet li waqt is-smigħ ta' din il-kawża, ġiet ordnata l-inverżjoni tal-provi, u għalhekk l-appellant kellu l-opportunità li jressaq provi dwar il-firxa ta' dan il-*post,* tax-*shares*, tal-*likes,* iżda l-appellant naqas milli jagħmel dan. L-appellanta qalet li l-argument li sar fuq *posts* fuq Facebook b'mod ġenerali, ma japplikax hawnhekk għaliex il-*post* in kwistjoni kien fuq il-profil personali tagħha, u kien limitat biss għall-*'friends'.* L-appellata qalet ukoll li filwaqt li l-appellant isemmi il-'*hate speech*', dan jiġi ttrattat waqt proċeduri kriminali, u m'għandu x'jaqsam xejn mal-każ odjern.

12. L-appellata qalet li jidher li fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jikkontendi li huwa ma kellux għalfejn jipprova li sofra danni għar-reputazzjoni tiegħu. Qalet li minkejja li l-appellant jagħmel riferiment għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **L-Avukat Dottor John Bonello *vs.* Publius sive Leo Said**, minn din il-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Diċembru, 2022, il-fatti huma differenti, u fil-kawża odjerna ma nġabet l-ebda prova li l-appellata għamlet xi ħsara jew setgħet għamlet xi ħsara lill-appellant. Qalet li hija dejjem saħqet li l-*post* in kwistjoni kienet tirreferi għaliha u għal ħadd aktar, u hija ma kellha l-ebda intenzjoni li tikkawża malafama, tant hu hekk li hija ma semmietx lill-appellant b'ismu, u l-*post* hija dwarha nnifisha, u fiha messaġġ ta' ringrazzjament. Qalet li

hija taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar sofferenza ta' ħsara lir-reputazzjoni ta' persuna li qiegħda tagħmel il-libell. Qalet li x-xhieda ppreżentati mill-appellant, kollha qalu li huma jemmnu u jibqgħu jemmnu li l-appellant mhuwiex bniedem vjolenti, u għalhekk staqsiet fejn hija l-ħsara li sofra jew jista' jsofri l-appellant.

13. L-appellata qalet li jekk wieħed iħares lejn ix-xhieda ta' Marica Bellizzi, li tiġi oħt l-appellant, u li kienet l-unika waħda mix-xhieda li rat il-*post,* hija mill-ewwel qalet li dik il-*post* ma kienitx korretta. Qalet li x-xhieda l-oħra lkoll qalu li ma kienux raw il-*post* u li ma jemmnux li l-appellant huwa bniedem vjolenti. Qalet li Cheryl Vella kienet ix-xhud l-oħra li semmiet xi *posts* tal-appellanta*,* iżda ma tagħmilx riferiment għall-*post* li minħabba fiha nbdew dawn il-proċeduri. Din ix-xhud qalet li fi kwalunkwe każ, hija fl-ebda mument ma ħasbet ħażin fuq l-appellant, u ma emmnitx il-*posts* li kienet qiegħda tara. Qalet li xhieda oħra prodotti mill-appellant, lanqas biss ikkonfermaw li raw dan il-*post,* u għalhekk ma setgħux kienu affettwati bih. L-appellata qalet li ż-żwieġ bejn il-partijiet ġie ddikjarat null mit-Tribunal Metropolitan ta' Malta, minħabba vjolenza min-naħa tal-appellant. Qalet li iben il-partijiet għamel rapport kriminali fuq vjolenza mill-appellant, u kienu diversi x-xhieda prodotti minnha li tkellmu dwar l-effetti li ħalliet fuqha l-vjolenza. Qalet li hemm każijiet fejn il-vjolenza fiż-żwieġ twassal biex min jipperpetra l-vjolenza, jinqeda bi proċeduri legali sabiex jipprova jagħmel sarima ma' ħalq il-vittma. L-appellata qalet li l-appellant qiegħed jinqeda b'dawn il-proċeduri sabiex jagħmlilha sarima ma' ħalqha u jsawwatha finanzjarjament, u peress li l-appellant ma kienx sodisfatt bid-

deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, huwa ppreżenta l-proċeduri odjerni sabiex ikompli jsawwatha finanzjarjament.

14. L-appellata qalet li l-partijiet huma persuni privati, u meta kienu miżżewġin, iż-żwieġ kien mifni bi vjolenza, imma hija minflok ma tkellmet dwar dan, il-*post* tagħha kien mimli pożittività u intiż biex juri ringrazzjament. Qalet ukoll li dan il-*post* kien ristrett, u għandu jirriżulta li dan il-*post* ma ħalla l-ebda impatt fuq l-appellant, għaliex anki fost in-nies li qraw il-*post,* mhux kulħadd emmnu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15 . Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellata fir-risposta tagħha.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-appellant jgħid li huwa jħossu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-*post *fuq Facebook impunjat, m'għandux firxa wiesgħa]*

16. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma kienitx korretta fid-deċiżjoni tagħha li l-*post* impunjata ma kellhiex firxa wiesgħa, għaliex mhijiex aċċessibbli għall-pubbliku in ġenerali. Qal li ġie ppruvat li l-appellanta għandha għadd sostanzjali ta' ħbieb fuq Facebook, u huwa fatt magħruf li *post* ippubblikata fuq il-mezzi soċjali ma tmutx, iżda tibqa' disponibbli u terġa' titla' fil-wiċċ minn żmien għal żmien. Saħaq li bħala koppja li kienu qegħdin jisseparaw, huma kellhom diversi

ħbieb komuni fiż-żmien meta ittellgħet il-*post* mill-appellata, u l-Facebook huwa meqjus bħala pjattaforma importanti għat-tixrid tal-informazzjoni, tant hu hekk li f'moħħ xi uħud, dan issostitwixxa mezzi tradizzjonali oħra bħall-ġurnali, bħala sors ta' informazzjoni. Qal li spiss jiġri li *post* li tittella' fuq dan il-mezz soċjali, jattira lejh proċeduri kriminali meta jkun jammonta għal *hate speech.*

17. Il-Qorti tqis li l-partijiet kienu miżżewġin, u illum iż-żwieġ tagħhom ġie annullat, u li fuq kollox huma persuni privati. Tqis ukoll li l-*post* mtella' mill-appellata fuq il-paġna tagħha ta' Facebook, kienet disponibbli biss għall-ħbieb tagħha fuq Facebook, u għalhekk l-aċċess kien ristrett għal dawk il-persuni meqjusa bħala *'friends'* tal-appellata. L-appellant jgħid li huwa sar jaf b'dan il-messaġġ għaliex kien hemm terzi li ġibdulu l-attenzjoni għal dak li kitbet l-appellata, in suċċint messaġġ ta' gratitudni fejn qalet li kienet qiegħda tiċċelebra r-raba' sena tal-indipendenza tagħha mill-vjolenza domestika. Dan il-messaġġ inkiteb fix-xahar ta' Settembru, u l-appellata dehrilha li kellha ttella' messaġġ li fih tgħid li qiegħda tiċċelebra l-indipendenza tagħha minn sitwazzjoni personali li kienet fiha. Huwa minnu li l-mezzi soċjali huma pjattaforma li toffri firxa wiesgħa ta' segwitu, iżda l-Qorti hija tal-fehma li din il-firxa mhijiex waħda illimitata. Fl-ewwel lok, irid jingħad li dan il-messaġġ inqasam biss ma' numru ta' segwaċi li l-appellata għandha fuq il-paġna tagħha ta' Facebook, normalment limitata għall-qraba u l-ħbieb tal-persuna, u l-messaġġ kien wieħed li ma tpoġġiex għad-dispożizzjoni tal-pubbliku in ġenerali. Il-Qorti għalhekk tgħid li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta qieset li l-firxa tal-persuni li setgħu jaqraw dan il-*post* kienet waħda limitata, u għalhekk il-possibilità li jikkawża

ħsara serja lir-reputazzjoni ta' xi individwu, kienet waħda minima. L-Ewwel Qorti qieset ukoll li l-pubblikazzjoni in kwistjoni ma tpoġġietx fuq mezz tal-midja tal-massa, iżda fuq pjattaforma li mhijiex miftuħa għall-pubbliku in ġenerali, u fejn l-appellata kellha ċertu kontroll fuq il-persuni li setgħu jaraw dak li jittella' minnha. Din il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet li għamlet l-Ewwel Qorti, li ladarba ġie ppruvat li dan kien każ ta' profil privat b'aċċess ristrett, il-firxa tal-persuni li setgħu jaqraw dak li tellgħet l-appellata kienet waħda limitata, u għalhekk il-potenzjal ta' ħsara għar-reputazzjoni tal-persuna li setgħet tiġi mill-*post* in kwistjoni, hija waħda minima.

18. Il-Qorti għalhekk tqis li l-appellant m'għandux raġun jgħid li huwa ħassu aggravat għaliex l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-*post* mxandar mill-appellata ma kellux firxa wiesgħa. Jibqa' l-fatt li l-paġna tal-Facebook tal-appellata hija aċċessibbli biss għal ċirku ristrett ta' individwi, u għalhekk mhux il-każ li tista' tintuża biex tinxtered informazzjoni lill-pubbliku in ġenerali jekk l-awtur tal-*post* ma jippermettix dan. Jirriżulta wkoll li l-*post* in kwistjoni tħassret mill-appellata minn fuq il-paġna ta' Facebook tagħha, u għalhekk m'hemmx lok fejn il-Qorti tordna t-tneħħija tal-imsemmi *post,* għaliex l-appellata tgħid li hija neħħietu minn jeddha. Il-Qorti lanqas ma taqbel mal-analoġija li għamel l-appellant ma' proċeduri oħrajn fejn persuni jinstabu ħatja ta' *hate speech* wara pubblikazzjoni fuq pjattaformi ta' mezzi soċjali, għaliex fil-każ odjern l-appellata ma identifikatx lill-persuna, ma speċifikatx li hija kienet vittma ta' vjolenza domestika minħabba dak li kien ir-raġel tagħha, ma xandret l-ebda ritratt u bl-ebda mod ma identifikat lill-persuna li allegatament esponieha għal dan it-

trattament li hija kitbet dwaru. Għaldaqstant il-Qorti ssib li l-ewwel aggravju tal-appellant huwa infondat, u sejra tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju: [Dwar l-element tal-ħsara sofferta]*

19. L-appellant qal li huwa ma kellux għalfejn juri li attwalment sofra ħsara għar-reputazzjoni tiegħu, u li fi kwalunkwe każ il-ħsara sofferta minħabba pubblikazzjoni fuq mezz soċjali tista' ma tkunx evidenti mill-ewwel, iżda tista' tirriżulta maż-żmien.

20. Il-liġi tagħna tgħid li kitba ma titqiesx li hija malafamanti jew diffamatorja sakemm ma tikkawżax ħsara serja jew tkun tista' tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna jew persuni speċifiċi li jagħmlu t-talba lill-Qorti. Il-potenzjal li pubblikazzjoni tikkawża ħsara serja lir-reputazzjoni ta' xi ħadd, ukoll jammonta għal ksur tal-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama. Fil-każ odjern, l-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-appellant la sofra ħsara serja għar-reputazzjoni tiegħu, u lanqas ma kien hemm riskju li jsofri ħsara bħal din, u dan għaliex il-ftit xhieda li tressqu minnu, u li xehdu li kienu raw il-pubblikazzjoni impu

njata, ilkoll xehdu li huma ma emmnux dak miktub. Il-Qorti qieset li b'dak li kitbet l-appellata, filwaqt li huwa minnu li hija stqarret li kienet vittma ta' vjolenza domestika, mingħajr ma speċifikat min kien il-perpetratur ta' din il-vjolenza, l-enfasi tagħha kienet fuq il-fatt li hija ħelset minn dik il-vjolenza u kienet qiegħda tħares 'il quddiem b'ottimiżmu. Il-Qorti tiġbed l-attenzjoni tal-

appellant ukoll għall-fatt li l-vjolenza domestika li semmiet l-appellata, ma baqgħetx merament allegazzjoni, imma fil-proċeduri li wasslu sabiex iż-żwieġ tal-partijiet jiġi ddikjarat null, it-Tribunal Metropolita ta' Malta qies li din kienet ġiet issostanzjata u kkorraborata.[1]

21. Għaldaqstant, il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni ġustifikata għalfejn għandha taċċetta l-pożizzjoni tal-appellant li huwa ħassu malafamat bil-*post* mtella' mill-appellata fuq Facebook, liema *post* kien ristrett għal ċirku żgħir ħafna ta' persuni, u bl-ebda mod ma kien jidentifika lill-appellant. Fuq kollox, għandu jirriżulta li dan il-*post* ilu li tħassar minn fuq il-paġna ta' Facebook tal-appellata, u għalhekk m'hemmx lok fejn it-talba tal-appellant biex dan il-*post* jitħassar, tiġi milqugħa minn din il-Qorti.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell odjern, billi tiċħdu, u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] *A fol.* 38 *et seq.* tal-atti quddiem l-Ewwel Qorti.